



L-ASJA TAL-LVANT

L-Asja hija l-akbar u l-aktar kontinent popolat fid-dinja u għandha importanza ġeostrateġika kbira ħafna għall-UE. L-UE għandha tliet sħab strateġiċi fl-Asja tal-Lvant: iċ-Ċina, il-Ġappun u r-Repubblika tal-Korea. Din qed tiffaċċja tħassib ta' sigurtà fir-reġjun, bħall-isfida nukleari fil-Korea ta' Fuq u t-tilwim marittimu fil-Baħar taċ-Ċina tan-Nofsinhar. L-UE hija attur ekonomiku b'saħħtu u tagħti kontribut importanti għall-għajjnuna u l-iżvilupp, filwaqt li taħdem biex trawwem il-bini tal-istituzzjonijiet, id-demokrazija, il-governanza tajba u d-drittijiet tal-bniedem.

Din l-iskeda informattiva tiddekrivi r-reġjun tal-Asja tal-Lvant. Ara wkoll l-iskedi informattivi dwar l-Asja t'Isfel ([5.6.7](#)) u x-Xlokk tal-Asja ([5.6.9](#)).

IL-BAŻI ĠURIDIKA

- It-Titolu V (azzjoni esterna tal-UE) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE);
- L-Artikoli 206-207 (kummerċ) u l-Artikoli 216-219 (ftehimiet internazzjonali) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE);
- Il-Ftehimiet ta' Sħubija u Kooperazzjoni (FSK) (relazzjonijiet bilaterali).

L-ASJA TAL-LVANT

A. Iċ-Ċina

L-UE kompliet ir-relazzjonijiet tagħha maċ-Ċina fl-1994 iżda l-embargo fuq l-armi impost mill-UE wara l-avvenimenti tal-1989 fil-Pjazza Tiananmen għadu fis-seħħ. L-interdipendenza ekonomika u ġeopolitika dejjem tikber bejn iż-żewġ sħab hija riflessa fl-"Aġenda Strateġika Konġunta għall-Kooperazzjoni UE-Ċina 2020", li bis-saħħa tagħha żdiedet u twessgħet il-kooperazzjoni fuq firxa kbira ta' oqsma, bħall-politika barranija u ta' sigurtà, l-iżvilupp ekonomiku, il-governanza globali u l-kooperazzjoni multilaterali fil-kummerċ u l-investiment u f'oqsma soċjali, ambjentali u oħrajn, inklużi l-kuntatti bejn il-persuni.

Fl-2016, il-Kummissjoni adottat Komunikazzjoni Konġunta dwar elementi għal strateġija ġdida tal-UE dwar iċ-Ċina, li tenfasizza l-ħtieġa li ċ-Ċina tkun involuta fil-proċess ta' riforma tagħha filwaqt li tippromwovi r-riċiproċità, il-kondizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni u l-kompetizzjoni ġusta fl-oqsma kollha ta' kooperazzjoni. L-istrateġija proposta poġġiet ukoll enfasi fuq il-promozzjoni tal-infrastruttura, il-kummerċ, u l-konnettività diġitali u bejn il-persuni bejn iż-żewġ pajjiżi abbażi ta' pjattaforma miftuħa u trasparenti bbażata fuq ir-regoli.



F'Marzu 2019, il-Kummissjoni ħarġet Komunikazzjoni Konġunta bit-titlu "EU-China - A strategic outlook" (Prospettiva strateġika bejn l-UE u ċ-Ċina) ibbażata fuq l-istrateġija proposta għall-2016, fejn appellat għal approċċ multidimensjonali li jkopri oqsma ta' politika differenti u talbet għall-unità sħiħa tal-Istati Membri tal-UE fil-kooperazzjoni maċ-Ċina. Il-perspettiva strateġika sejthet għal impenn aktar profund fl-insewiment ta' interessi komuni fil-livell globali u spinta akbar għal kondizzjonijiet reċiproċi fil-qasam ekonomiku.

Il-21 Summit bejn l-UE u ċ-Ċina sar fi Brussell fid-9 ta' April 2019, wara d-Dialogu Strateġiku bejn l-UE u ċ-Ċina li sar fit-18 ta' Marzu 2019 fi Brussell bi tnejn għas-summit. Id-[Dikjarazzjoni Konġunta li ħarġet fid-9 ta' April 2019](#) tirrifletti tentattiv imġedded mhux biss għall-kooperazzjoni fejn jidhru sfidi globali, iżda wkoll biex jingħata impetu għal relazzjoni ekonomika bilaterali bbażata ħafna aktar fuq in-nondiskriminazzjoni, il-kompetizzjoni ġusta u l-kondizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni. L-UE u ċ-Ċina ftehm li jsibu soluzzjonijiet għal għadd ta' ostakli ewlenin identifikati miż-żewġ partijiet, "b'rendikont li għandu jsir fis-Summit li jmiss bejn l-UE u ċ-Ċina".

Id-Dikjarazzjoni Konġunta kkonfermat li, bħala atturi globali, l-UE u ċ-Ċina għandhom responsabbiltà kondiviża biex jindirizzaw sfidi reġjonali u globali bħat-tibdil fil-klima u l-implimentazzjoni tal-ftehim ta' Pariġi COP21, it-theddid għas-sigurtà komuni, inklużi l-ġlieda kontra t-terroriżmu u ċ-ċibersigurtà, u l-konformità mal-Pjan ta' Azzjoni Komprensiv Konġunt mal-Iran fir-rigward tal-programm nukleari tal-Iran. Huma kkonfermaw mill-ġdid id-determinazzjoni tagħhom li jsaħħu l-multilateraliżmu u s-sistema kummerċjali multilaterali bbażata fuq ir-regoli, inklużi l-proċessi biex jiġu riformati s-sistema monetarja u finanzjarja internazzjonali (inklużi l-kwoti tal-FMI) u l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ, li fil-kuntest tagħha l-UE u ċ-Ċina waqqfu grupp ta' ħidma konġunt. Huma kkonfermaw ukoll l-importanza tal-G20 bħala "l-ewwel forum dwar il-kooperazzjoni ekonomika u finanzjarja internazzjonali" biex tinżamm is-sistema multilaterali. Iż-żewġ partijiet wiegħdu wkoll li jtejbu l-konnettività bejn l-Ewropa u l-Asja abbażi tar-regoli tas-suq, it-trasparenza, l-akkwist pubbliku miftuħ, il-kondizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni u l-kompetizzjoni ġusta u li joħolqu sinerġiji bejn l-Istrateġija tal-UE dwar Nikkollegaw l-Ewropa u l-Asja u l-Inizjattiva Ċiniża "Belt and Road".

Għandhom għaddejjin negozjati biex jintlaħaq Ftehim bilaterali ambizzjuż ta' Investiment Komprensiv, bil-għan li jinħolqu kondizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni għan-negozji li joffru opportunitajiet ġodda għas-suq u protezzjoni għall-investituri u l-investimenti tagħhom, filwaqt li jippermetti liż-żewġ naħat jipprevedu ambizzjonijiet usa' u aktar profondi.

L-UE għadha s-sieħeb kummerċjali ewleni taċ-Ċina, filwaqt li ċ-Ċina hija t-tieni l-akbar sieħeb kummerċjali tal-UE. Il-kummerċ fil-merkanzija bejn l-UE u ċ-Ċina għandu valur ta' aktar minn EUR 1.5 biljun kuljum, filwaqt li fl-2018, l-esportazzjonijiet annwali tal-UE ammontaw għal EUR 210 biljun u l-importazzjonijiet tagħha għal EUR 395 biljun. L-esportazzjonijiet tal-UE ta' servizzi lejn iċ-Ċina fl-2017 laħqu l-EUR 44 biljun, filwaqt li l-importazzjonijiet ta' servizzi kienu jiswew EUR 28 biljun. Fl-2017, il-flussi tal-investiment



dirett barrani Ċiniż (IDB) fl-UE ammontaw għal madwar EUR 30 biljun, filwaqt li l-IDB tal-UE fiċ-Ċina kien stmat li huwa madwar EUR 6 biljuni sa EUR 7 biljuni.

Il-Parlament ġibed l-attenzjoni għall-ksur tad-drittijiet tal-bniedem fiċ-Ċina, inklużi d-detenzjoni arbitrarja, il-kampijiet tax-xogħol, il-piena kapitali, ir-restrizzjonijiet fuq il-libertà tal-espressjoni u tal-assoċjazzjoni, l-abort furzat u l-politiki ripressivi fit-[Tibet](#) u f'[Xinjiang](#). Il-Parlament appoġġa wkoll is-sejnhiet taċ-ċittadini Ċiniżi għal riformi^[1] politiċi effettivi u kkundanna t-trattament ta' diversi attivisti u difensuri individwali tad-drittijiet tal-bniedem. Iċ-Ċina topponi bil-qawwa kull "interferenza" esterna fl-affarijiet interni tagħha, inklużi l-kwistjonijiet dwar id-drittijiet tal-bniedem. Is-37 sessjoni tad-Djalogu UE-Ċina dwar id-Drittijiet tal-Bniedem saret f'April 2019.

B. It-Tajwan

L-UE taderixxi ma' politika ta' "Ċina Waħda" u ma tirrikonoxxi lit-Tajwan bħala stat sovrani. Madankollu, l-UE tkompli l-impenn tagħha mat-Tajwan f'oqsma mhux politiċi, inklużi oqsma kummerċjali u ekonomiċi bħall-kummerċ, ir-riċerka u t-tibdil fil-klima.

L-UE żviluppat djalogu strutturat sew dwar kwistjonijiet ekonomiċi u kummerċjali mat-Tajwan f'għadd ta' setturi, bħall-industrija tal-karozzi, il-farmaċewtiċi, il-kożmetiċi u t-tagħmir mediku. L-UE hija r-raba' l-akbar sieħeb kummerċjali tat-Tajwan wara ċ-Ċina, l-Istati Uniti u l-Ġappun, u l-kummerċ fil-merkanzija bejn l-UE u t-Tajwan laħaq rekord ġdid ta' EUR 51.9 biljun fl-2018. Bi stakk ta' IDB ta' EUR 21.2 biljun fl-2017, l-UE hija l-akbar investitur fit-Tajwan.

Il-Parlament ripetutament ħeġġeġ kooperazzjoni bilaterali eqreb bejn l-UE u t-Tajwan f'oqsma bħall-kummerċ, ir-riċerka, il-kultura, l-edukazzjoni, it-tibdil fil-klima u l-protezzjoni ambjentali, u esprima l-appoġġ tiegħu għal negozjati potenzjali dwar ftehim ta' investiment bejn l-UE u t-Tajwan.

L-UE u t-Tajwan kellhom l-ewwel Konsultazzjonijiet dwar id-Drittijiet tal-Bniedem annwali tagħhom fit-22 ta' Marzu 2018, fejn ġew diskussi kwistjonijiet ewlenin dwar id-drittijiet tal-bniedem, bħall-universalità tad-drittijiet tal-bniedem. Fil-laqqgħa, l-UE faħħret lit-Tajwan talli volontarjament inkorpora d-dispożizzjonijiet tal-patti ewlenin tan-NU dwar id-drittijiet tal-bniedem fil-liġi domestika tiegħu u għall-mekkaniżmu ta' reviżjoni internazzjonali tiegħu.

It-Tajwan se jkollu l-15-il sessjoni ta' elezzjonijiet presidenzjali tiegħu f'Jannar 2020. Il-President fil-kariga Tsai Ing-wen tal-Partit Demokratiku Progressiv se jikkontesta l-elezzjonijiet, kif se jagħmel ukoll Han Kuo-yu tal-Kuomintang (il-Partit Nazzjonalista Ċiniż). Se jikkontestaw ukoll sitt kandidati indipendenti għal karigi pubbliċi.

C. Hong Kong

Ir-relazzjonijiet bejn l-UE u Hong Kong jinkludu l-kummerċ u l-iżvilupp ekonomiku, il-kooperazzjoni doganali, l-innovazzjoni u t-teknoloġija, il-kompetizzjoni, is-sikurezza tal-ikel, l-ambjent u l-edukazzjoni. Fl-2018, l-UE kienet it-tieni l-akbar sieħeb kummerċjali ta' Hong Kong fil-merkanzija wara ċ-Ċina kontinentali, filwaqt li Hong Kong kien is-17 l-akbar sieħeb kummerċjali tal-UE fil-merkanzija, u l-għaxar l-akbar fis-servizzi. It-12-il Djalogu Strutturat bejn l-UE u Hong Kong sar f'Diċembru 2018. Wara titjib

[1] Ir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Marzu 2013 dwar ir-relazzjonijiet UE-Ċina (ĠU C 36, 29.1.2016, p. 126).



fil-governanza tajba, fit-12 ta' Marzu 2019 l-UE neħħiet lil Hong Kong mil-lista ta' sorveljanza ta' [gurdizzjonijiet tat-taxxa mhux kooperattivi](#).

[Ir-rakkomandazzjoni tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Diċembru 2017](#), li ħarġet 20 sena wara l-istabbiliment tar-Reġjun Amministrattiv Speċjali ta' Hong Kong (SAR), saħqet li huwa importanti ħafna li tiġi rrispettata l-Liġi Bażika tar-Reġjun Amministrattiv Speċjali ta' Hong Kong (SAR) biex ir-relazzjonijiet mal-UE jkomplu jissaħħu. Filwaqt li l-UE taderixxi mal-politika ta' "Ċina Waħda" u tirrikonoxxi l-oġġezzjoni taċ-Ċina għall-"interferenza fl-affarijiet interni", ir-rakkomandazzjoni tikkundanna l-interferenza taċ-Ċina fl-affarijiet interni ta' Hong Kong, li tista' tippreġudika l-vijabbiltà fit-tul tal-mudell "pajjiż wieħed, żewġ sistemi". Id-dimostrazzjonijiet li għaddejjin bħalissa bdew f'Marzu 2019 wara l-introduzzjoni tal-Liġi dwar it-Trasgressuri Maħruba u l-Assistenza Reċiproka f'Materji Kriminali, u wasslu biex f'Hong Kong żdiedu l-vjolenza u d-diżordni kontinwu. L-UE ssostni li l-miżuri biex titnaqqas it-tensjoni flimkien mad-djalogu huma importanti ħafna għal riżoluzzjoni paċifika, u għandhom jiġu rrispettati l-libertajiet fundamentali mogħtija skont il-prinċipju ta' "pajjiż wieħed, żewġ sistemi". L-UE tagħti importanza kbira lill-livell għoli ta' awtonomija ta' Hong Kong, li għandu jiġi ppreservat f'konformità mal-Liġi Bażika u l-impenji internazzjonali. Ir-rispett kontinwu għad-drittijiet u l-libertajiet fundamentali, u l-indipendenza tal-ġudikatura, jibqgħu essenzjali għall-iżvilupp ta' Hong Kong.

D. Il-Ġappun

Il-Ġappun ilu sieħeb strateġiku tal-UE sa mill-2003 u jikkondividi l-valuri tagħha rigward id-drittijiet tal-bniedem, id-demokrazija u l-istat tad-dritt. Il-Ftehim ta' Sħubija Strateġika bejn l-UE u l-Ġappun, li daħal fis-seħħ fuq bażi provviżorja fl-1 ta' Frar 2019 u jkopri d-djalogu politiku u l-kooperazzjoni dwar kwistjonijiet ta' politika u sfidi reġjonali u globali, ipoġġi s-sħubija fl-livell ġdid. Dan se jsaħħaħ ukoll id-djalogu interparlamentari bejn il-Parlament Ewropew u d-Diet Ġappuniż. Il-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika (FSE) bejn l-UE u l-Ġappun, wieħed mill-aktar ftehimiet ta' kummerċ ħieles komprensivi, daħal fis-seħħ fl-1 ta' Frar 2019. Huwa mistenni li jstimula l-kummerċ u t-tkabbir ekonomiku fuq iż-żewġ naħat. Il-FSE fih impenji kemm dwar il-kummerċ tal-merkanzija kif ukoll dwar il-kummerċ tas-servizzi, u jipprovdi qafas li jipromwovi l-investimenti bilaterali. Jistabbilixxi wkoll miri ambizzjużi għall-iżvilupp sostenibbli u għall-ewwel darba jinkludi impenn speċifiku favur il-ftehim ta' Pariġi dwar il-klima.

L-UE u l-Ġappun jikkondividu viżjoni komuni għal ekonomija dinjija miftuħa u bbażata fuq ir-regoli li tiggarantixxi l-oġħla standards.

Il-Ġappun huwa t-tieni l-akbar sieħeb kummerċjali tal-UE fl-Asja wara ċ-Ċina, bil-kummerċ totali bejniethom fl-2018 li jammonta għal EUR 135 biljun. Iż-żewġ partijiet għadhom impenjati li jkomplu jsaħħu r-relazzjonijiet ta' investment billi jikkonkludu ftehim separat ta' investment, li jkun jinkludi standards ta' protezzjoni għall-investituri/investment u mekkaniżmu għas-soluzzjoni ta' tilwim, fil-futur qarib. Fis-17 ta' Lulju 2018, l-UE u l-Ġappun ikkonkludew negozjati dwar livell adegwat ta' protezzjoni tad-dejta. Fit-23 ta' Jannar 2019, adottaw deċiżjonijiet biex jirrikonoxxu s-sistemi ta' protezzjoni tad-dejta ta' xulxin bħala "ekwivalenti", u b'hekk joħolqu l-akbar erja ta' flussi ta' data sikuri fid-dinja.



Is-26 summit bejn l-UE u l-Ġappun li sar fil-25 ta' April iffoka fuq it-tibdil fil-klima, is-sigurtà u l-kummerċ reġjonali, kif ukoll l-istat tar-relazzjoni bilaterali. Fis-27 ta' Settembru, matul it-tieni żjara tal-Prim Ministru Abe fi Brussell fl-2019, l-UE u l-Ġappun iffirmaw is-Sħubija dwar il-Konnettività Sostenibbli u l-Infrastruttura ta' Kwalità bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ġappun.

E. Ir-Repubblika tal-Korea (il-Korea t'Isfel)

Ir-relazzjonijiet bejn l-UE u l-Korea t'Isfel imorru lura għall-Ftehim tal-1997 dwar il-kooperazzjoni u l-assistenza amministrattiva reċiproka f'materji doganali. Illum, ir-Repubblika tal-Korea hija waħda mill-10 sħab strateġiċi tal-UE fl-oqsma tal-garanzija globali, l-ekonomija, l-ambjent u l-kooperazzjoni internazzjonali. Il-kummerċ bilaterali bejn l-UE u l-Korea t'Isfel kiber b'mod sinifikanti u fl-2018 laħaq livell rekord ta' aktar minn EUR 100 biljun. L-UE hija investitur sinifikanti fil-Korea t'Isfel: fl-2017, l-istokk tagħha ta' IDB ammonta għal EUR 51 biljun.

Is-settur tax-xjenza u t-teknoloġija tal-Korea t'Isfel huwa wieħed mill-aktar avvanzati fid-dinja. Dan jiffoka fuq l-innovazzjoni u għandu rekord impressjonanti fir-robotika u l-intelliġenza artifiċjali, u joffri opportunitajiet ġodda biex tiżdied il-kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika konġunta mal-UE.

Il-Korea t'Isfel għandha ekonomija diġitalizzata ħafna u qed tiżviluppa strateġija nazzjonali taċ-ċibersigurtà, wara li esperjenzat hacks u attacchi li affettwaw miljuni ta' persuni u siti uffiċjali. Il-Korea ta' Fuq ġiet akkużata li kienet il-moħħ tal-parti l-kbira tal-attakki ċibernetiċi ewlenin. Hemm żieda fil-kooperazzjoni bejn l-UE u l-Korea t'Isfel fil-qasam tat-treddidiet ċibernetiċi. Il-ħames Djalogu Ċibernetiku bejn l-UE u l-Korea t'Isfel sar fi Brussell f'Ġunju 2019.

L-impenn ekonomiku u d-denuklearizzazzjoni huma l-prijoritajiet attwali għar-relazzjonijiet inter-Koreani. Il-parteeċipazzjoni tal-Korea ta' Fuq fil-Logħob Olimpiku tax-Xitwa fi Frar 2018 fi Pyeongchang immarkat żvolta. Il-President Moon Jae-in tar-Repubblika tal-Korea qed jipprova jtaffi t-tensjoni permezz ta' djalogu u miżuri biex tissaħħaħ il-fiduċja. Bejn April u Settembru 2018 saru tliet summits inter-Koreani bil-għan tad-denuklearizzazzjoni. Madankollu, fl-2019, ir-relazzjonijiet inter-Koreani ddeterjoraw wara s-summit bejn l-Istati Uniti u l-Korea ta' Fuq f'Hanoi u komplew jeżżien u f'Awwissu 2019 wara taħriġ militari konġunt bejn l-Istati Uniti u l-Korea t'Isfel, li l-Korea ta' Fuq iddeskriviet bħala ksur tat-tliet ftehimiet konklużi fl-2018, fejn akkużat lill-Korea t'Isfel li qed tikkonfossa ma' forzi esterni u qed tkompli twettaq atti ostili moħħbija. L-UE tappoġġja soluzzjoni diplomatika għall-kriżi nukleari Koreana.

F'Marzu 2017, il-Qorti Kostituzzjonali tal-Korea t'Isfel ikkonfermat id-denzja tal-ex President, Park Geun-hye. Moon Jae-in, il-mexxej tal-Partit Demokratiku (il-Partit ta' Minjoo), ġie elett President f'Mejju 2017. L-amministrazzjoni l-ġdida qed timplimenta aġenda ambizzjuża għat-ktabbir ekonomiku, filwaqt li qed iżżid l-infiq tal-gvern u ssegwi l-politiki soċjali ridistributtivi. F'Settembru 2019, il-President Moon ħatar lil Cho Kuk bħala Ministru tal-Ġustizzja biex ifassal riformi ġudizzjarji, inkluż il-ħolqien ta' aġenzija kontra l-korruzzjoni li għandha l-għan li tinvestiga uffiċjali ta' livell għoli. Cho Kuk irriżenja fl-14 ta' Ottubru 2019, fost il-kontroversja u l-akkużi ta' korruzzjoni. L-allegazzjonijiet għamlu ħsara lill-immagna tal-Partit ta' Minjoo fil-perjodu ta' qabel l-elezzjonijiet parlamentari ta' April 2020. F'Ottubru 2019, il-klassifikazzjonijiet ta'



approvazzjoni tal-President Moon kienu l-aktar baxxi mill-2017 lil hawn, minkejja l-wegħda tiegħu li jagħti prijorità lill-ħolqien tal-impjegji, li jintroduċi riformi kontra l-korruzzjoni u jnaqqas l-inugwaljanza.

F'April 2018, delegazzjoni mill-Komitat Parlamentari għall-Affarijiet Barranin żaret il-Ġappun u l-Korea t'Isfel bil-għan li jissaħħu s-sħubijiet strateġiċi bilaterali u d-dimensjoni parlamentari tagħhom.

Id-disa' Summit UE-Korea t'Isfel sar fi Brussell fid-19 ta' Ottubru 2018. L-UE u l-Korea t'Isfel iddiskutew l-espansjoni tal-aġenda bilaterali u l-isfidi usa' relatati mas-sigurtà globali u reġjonali u l-paċi u n-nonproliferazzjoni tal-armi ta' qerda massiva.

F'Novembru 2019, delegazzjoni tal-Assemblea Nazzjonali mill-Korea t'Isfel żaret il-Parlament Ewropew fi Brussell għall-21 laqgħa interparlamentari tagħhom. Id-diskussjonijiet iffukaw fuq il-ftehim ta' kummerċ ħieles, it-tibdil fil-klima, is-sigurtà u t-teknoloġija.

Il-Korea t'Isfel għadha ma ffirmatx erbgħa mill-konvenzjonijiet ewlenin tal-ILO dwar ix-xogħol furzat, il-libertà ta' assoċjazzjoni, il-protezzjoni tad-dritt għall-organizzazzjoni u n-negozjar kollettiv. F'Ottubru 2019, il-gvern approva l-abbozz ta' leġiżlazzjoni li għandu jintbagħat lill-Assemblea Nazzjonali. Huwa inċert jekk il-liġijiet humiex se jgħaddu minħabba oppożizzjoni min-negozji u mill-unjins tal-ħaddiema.

F. Ir-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea (RDPK/il-Korea ta' Fuq)

L-UE għandha politika ta' "involvement kritiku" fir-rigward tar-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea (RDPK/il-Korea ta' Fuq), li tikkombina pressjoni fil-forma ta' sanzjonijiet u miżuri oħra filwaqt li żżomm il-mezzi ta' komunikazzjoni miftuħa. Ir-relazzjonijiet bilaterali huma limitati u ma hemm fis-seħħ l-ebda trattat politiku jew kummerċjali bilaterali bejn l-UE u l-Korea ta' Fuq. Barra minn hekk, minbarra l-għajnuna umanitarja, il-kooperazzjoni għall-iżvilupp tal-UE, prinċipalment relatata mas-sigurtà tal-ikel, hija suġġetta għal konsiderazzjonijiet politiċi, sanzjonijiet tan-NU u restrizzjonijiet oħra. Il-Parlament għadda diversi riżoluzzjonijiet li jikkundannaw il-programmi nukleari u tal-missili tal-Korea ta' Fuq, u esprima tħassib kbir dwar is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem li dejjem qed tmur għall-agħar fil-pajjiż.

[L-UE kabbret il-firxa tas-sanzjonijiet kontra r-RDPK diversi drabi](#) biex tikkomplementa u ssaħħaħ ir-riżoluzzjonijiet rilevanti tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU (2270, 2321, 2371, 2375 u 2397), billi estendiet il-projbizzjoni fuq l-investment lil hinn mis-servizzi finanzjarji u t-trasport għal setturi ġodda. Dawn jinkludu l-industrija relatata mal-armi konvenzjonali, il-metallurġija, l-ajruspazjali u s-servizzi tal-kompjuter, u servizzi marbuta mal-estrazzjoni u mal-manifattura fl-industriji kimiċi, tal-estrazzjoni u tar-raffinament. [F'April 2018, l-UE żiedet persuna waħda u 21 entità mal-lista ta' dawk suġġetti għal miżuri restrittivi kontra r-RDPK](#), minħabba l-involvement tagħhom f'attivitajiet ta' kummerċ illegali u azzjonijiet li jiffaċilitaw l-evażjoni tas-sanzjonijiet. B'kollox, 80 individwu u 75 entità huma elenkati bħalissa fil-lista tan-NU, filwaqt li 59 individwu u disa' entitajiet ġew issanzjonati mill-UE b'mod awtonomu.

Wara l-parteċipazzjoni konġunta tal-Korea ta' Fuq mal-Korea t'Isfel fil-Logħob Olimpiku tax-Xitwa fi Frar 2018 fi Pyeongchang, saru tliet summits inter-Koreani f'April, f'Mejju



u f'Settembru 2018. Dan l-iżvilupp storiku juri l-interess reċiproku taż-żewġ nazzjonijiet biex jiksbu l-objettiv ta' de-eskalazzjoni u paċi fil-peniżola Koreana.

Fit-12 ta' Ġunju 2018, f'Singapore sar l-ewwel Summit bejn l-Istati Uniti u r-RDPK. Il-President tal-Korea ta' Fuq Kim Jong-un u l-President tal-Istati Uniti Donald Trump qablu fid-Dikjarazzjoni Konġunta tagħhom tat-12 ta' Ġunju 2018, li jstabbilixxu relazzjonijiet ġodda fuq il-bażi tad-Dikjarazzjoni ta' Panmunjom ta' April 2018 iffirmata fis-summit inter-Korean. Ir-RDPK impenjat ruħha li taħdem lejn id-denuklearizzazzjoni kompluta tal-Peniżola Koreana. It-tieni Summit bejn l-Istati Uniti u r-RDPK sar f'Hanoi (il-Vjetnam) fis-27 u t-28 ta' Frar 2019, iżda ma ntlaħaq l-ebda ftehim dwar id-denuklearizzazzjoni. Il-President Trump iddikjara li kien lest ikompli n-negozjati ma' Kim Jong-un. Għalissa, ir-relazzjonijiet mal-Istati Uniti jinsabu weqfin u l-miżuri biex titnaqqas it-tensjoni ġew iffriżati.

Ulrich Jochheim / Jorge Soutullo
11/2019

